KLR 60/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membri Michel Buttigieg u Anthony Briffa.

**60.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**60.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.2.1 Il-membri ġew mgħarrfa li sar rapport l-għassa tal-pulizija rigward vit tal-ilma li qed jintuża minn terzi li qiegħed taħt l-bini tal-latrina tal-irġiel ta' Triq Putirjal. Il-kamra fejn hemm dan il-vit għanhdom aċċess għalih biss minn naħħa tat-Triġrija Palazz peress li huma biss għandhom iċ-ċwievet. Dan il-vit tneħħa minn naħa tal-kunsill. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob pjanta tal-bini tal-latrina mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet.

60.2.2 Il-membri ġew mgħarfa li nġabbru l-flus mill-'Arts Council Malta', sabiex ikopru l-ispejjes li saru għall-i*study visit* tad-delegazzjoni mill-*Commomwealth* li ġiet f'Novembru 2017.

**60.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Il-membri qablu li t-tabella li kienet fid-daħla ta' Wied il-Lunzjata, li għal xi raġuni tpoġġiet aktar il-fuq fit-triq minn terzi mingħajr il-kunsens tal-Kunsill, terġa titpoġġa fejn kienet oriġinarjament.

**60.4 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2017**

Waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-item l-Accounant John Buttigieg daħal fil-kamra sabiex jispjega l-*Financial Statements* għas-sena 2017. Wara li saru xi mistoqsijiet mill-membri u dawn ġew imwieġba, l-*Financial Statements* 2017 ġew approvati skont kif anness f'dokument A. Dawn jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali.

**60.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Tressaq iċ-ċertifikat tal-Perit Edward Scerri rigward il-*bollards* li saru fi Pjazza Indipendenza mill-kuntrattur 'Xerri's Landscaping Co. Ltd'. Il-kont għal dan ix-xogħol ġie approvat biex jitħallas. Ġew approvati l-kontijiet pendenti għax-xahar ta' Frar 2018 kif anness f'dokument B.

**60.6 Xogħolijiet oħra**

60.6.1 Il-membri qablu li l-*litter bins* il-ġodda li ġew ordnati għaċ-ċentru tar-Rabat isiru :-

- fi Pjazza Indipendenza – wieħed n-naħħa ta' 'Roma Shopping Complex' li jkun pariġġ is-siġra mqaċċta li hemm fil-kantuniera l-oħra tal-pjazza u ieħor fuq il-latrina tal-irġiel;
- fi pjazza San Ġorġ isir wieħed taħt il-loġġoġ bejn il-ħanut tal-Kuperċ u ta' Batu;
- fi Triq Repubblika jitpoġġa wieħed fil-parti l-wiesgħa fejn hemm l-uffiċju tal-GO.

Rigward l-*litter bin* li hemm fi Pjazza Savina l-membri qablu li dan jitressaq lejn l-kantuniera tal-klinika tad-Dentist Xuereb.

60.6.2 Il-membri qablu li l-Kunsill jerġa jipparteċipa fil-'Fesitval des Lyceens et Apprentis – European Orchestra' fir-Reġjun t' Aquitane fi Franza. Il-parteċipanta għal din is-sena hi Michela Pace. Minn naħħa tar-Reġjun t'Għawdex ser jiġu offruti €275 għal kull parteċipant wara li dan il-proġett ikkwalifika għall-fondi taħt il-Programm Erasmus +.

**60.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu 2018 fis-19.00

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |